# L-Għarb, storja u niesu



*Mario Fenech*

Meta wieħed jifli sew dak li hemm fil-Bażilika tal-Viżitazzjoni tal-Għarb f'Għawdex, l-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħi jkun dak li n-nies ta' dan ir-raħal mhux biss huma devoti kbar tal-Madonna, iżda huma wkoll qalbiena u ġenerużi biex għamlu dawn l-opri artistiċi kollha meta l-abitanti tar-raħal huma ftit fin-numru tagħhom.

Qabelxejn jingħad li dan ir-raħal tal-Għarb snin ilu kien ferm 'il bogħod miċ-ċentru tal-attività kulturali u kummerċjali tal-Belt Victoria. Bil-mezzi tal-lum, dan id-distakk tista' tgħid li spiċċa għal kollox, iżda wieħed irid iġib quddiem għajnejh iż-żmien ikrah tal-biża' tal-attakki spissi tal-furbani bin-nies tar-raħal tal-Għarb 'il bogħod mill-kenn tas-swar taċ-Ċittadella.

Kemm sagrifiċċji saru biex ġiet mibnija l-Knisja li llum ħlief kliem ta' tifħir minn arkitetti kbar minn madwar id-dinja kollha ma tiksibx! Inbniet fiż-żmien meta l-għodda kienet waħda primittiva kkunsidrata ma' dik tal-lum.

Jekk iżżur il-mużew ta' din il-kolleġġjata ssib bosta xogħlijiet li jiġbdu l-attenzjoni ta' kull min għandu għal qalbu l-istorja ekkleżjastika tal-poplu Għawdxi. Kienet ħidma għaqlija ferm li dawn l-opri sagri li wħud minnhom kienu kważi ntesew merfugħin f'xi rokna mingħajr użu ta' xejn, issa qegħdin jitgawdew minn dawk kollha li jkollhom ix-xorti li jżuru dan il-mużew.

Waħda minn dawn l-opri hija bla dubju ta' xejn l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Hemm ukoll abiti sagri, fided, kwadri, u elf ħaġa oħra.



Lura fil-Knisja, wieħed iħares 'il fuq lejn il-koppla u s-saqaf tal-knisja u jara quddiem għajnejh rakkont bibliku sħiħ li ħareġ b'tant ħila artistika mill-artist kontemporanju l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.

F'din il-knisja tiltaqa' ma' xi ħaġa unika għall-gżejjer tagħna. Erba' artali fid-daħliet li minn fuqhom iserrħu l-pilastri u l-lunetti tal-koppla tal-knisja. Huwa ferm stramb, jew aħjar mhux tas-soltu, li minflok il-gradenzini fir-rokna tal-presbiterju mal-ġenb tal-artal maġġur hemm żewġ artali u bħalhom tnejn oħra fuq in-naħa tal-korsija.

Biex jingħaqad dan ix-xogħol kollu, il-faċċata tal-knisja għandha forma wkoll unika. Din tagħmel lil din il-knisja ġabra ta' studju sħiħ tal-arkitettura li għaż-żmien li saret fih kienet waħda kuraġġjuża u esperimentali għall-aħħar.

Dan kolu jrid jingħad fil-kuntest li minbarra li din hija waħda mill-eqdem parroċċi tal-gżira Għawdxija, imwaqqfa mill-Isqof Mikiel Ġlormu Molina nhar id-29 t'Awwissu 1679, hija wkoll l-ewwel kolleġġjata mwaqqfa f'Għawdex 'il barra mill-Belt Victoria mill-Isqof Bartolomeo Rull fit-3 t'April tas-sena 1762. Fil-limiti tar-raħal jinsab ukoll it-Tempju Marjan "per eċċellenza" tal-Madonna ta' Pinu , fejn Karmni Grima semgħet is-sejħa tal-Madonna. Fit-28 ta' Novembru tal-1967, il-knisja tal-Għarb saret Bażilika Minuri magħquda mal-Bażilika ta' Pinu.

Il-poplu tal-Għarb kien ukoll ixxurtjat li f'waħda mid-djar umli tar-raħal għex u ħadem għall-ġid tal-poplu li kien jersaq lejh minn madwar erbat irjieħ tal-pajjiż it-twajjeb Frenċ Mercieca (Frenċ tal-Għarb).

Żvilupp importanti li seħħ ftit tas-snin ilu huwa dak tat-twaqqif tal-Banda. Hawnhekk ukoll wieħed irid japprezza l-kuraġġ ta' dawk li meddew għonqhom għax-xogħol biex titwaqqaf il-Banda "Viżitazzjoni" li llum għadha s-sede tagħha fil-pjazza ta' quddiem il-knisja. Mhux faċli li twaqqaf banda meta hawn din l-aljenazzjoni kollha fil-ħajja ta' kuljum. Wisq aktar meta n-numru tal-abitanti tar-raħal huwa wieħed żgħir.

Waqt li qiegħed nikteb dan l-artiklu għal din il-ħarġa ta' dan il-fuljett għall-festa titulari tar-raħal qed naħseb bejni u bejn ruħi kemm għandhom għalfejn ikunu grati dawk tal-lum għal dawk ta' qabilhom, u fl-istess waqt għandhom ikunu responsabbli biex dak li nkiseb b'tant ħidma u sagrifiċċji jibqa' jissaħħaħ matul is-snin.

***IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD***